**NOMINA TAS-SUR JEFFREY CURMI GĦALL-ĦATRA**
**TA' AMBAXXATUR RESIDENTI GĦALL-OLANDA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **X'taħseb li huma l-isfidi li għandha l-Olanda? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar ambaxxatur?**

Sfidi tal-Olanda – Riperkussjonijiet tal-COVID-19; l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna; numru ta' immigranti jitolbu l-ghażil; il-problema tal-bdiewa, l-agrikoltura, u l-effett tan-nitrati; fost ohrajn. Madankollu l-Olanda xorta tibqa' pajjiż li huwa reżiljenti kemm f'termini ta' tkabbir ekonomiku u anki bħala rata baxxa ta'qgħad.

Mill-lat politiku l-elezzjonijiet maħsuba għal Novembru ġew bħala sorpriża hekk kif il-Prim Ministru Rutte ħabbarhom bla mistenni iktar kmieni dan ix-xahar. Il-fatt li partiti politici godda qed jinholqu, filwaqt li uhud mill-partiti tradizzjonali qed isibu problema kif jistghu jinghaqdu f'koalizzjoni u jaqblu bejniethom fuq il-principji politici, qed joffri sfidi godda għall-istabilita' ta' gvern, u allura l-abbilta tiegħu biex jillegiżla. Ser inkun qed insegwi dawn l-iżviluppi u nagħmel rapporti regolari lill-Ministeru, dejjem jekk nigi magħżul.

Jidher li l-Olanda għaddejja minn transizzjoni li tinkludi n-nuqqas ta' ħaddiema minħabba li ħafna barranin telqu wara l-Pandemija, kif ukoll minħabba nuqqas ta' housing. Ser ikun interessanti li nsegwi soluzzjonijiet u proposti li ser jiġu mressqa, forsi jkunu jistgħu jgħoddu għal Malta.

Il-binarji tax-xogħol – ovvjament ir-relazzjonijet bilaterali bejn iż-żewġ pajjiżi nfushom mill-angoli politiċi, ekonomiċi u kulturali.

Ser inkun ukoll qed nagħmel proposti dwar kif il-koperazzjoni tista' wkoll tissaħħaħ fl-Unjoni Ewropea (UE) f'diversi setturi.

Mill-esperjenza tiegħi nista' nsemmi eżempji tanġibbli u pożittivi bħal meta kellna kontinġenti mill-FAM (Forzi Armati ta' Malta) li ħadmu mill-qrib ma'kontingenti Olandiżi, f' Operazzjoni Navali tal-UE kontra l-piraterija fil-Qarn tal-Afrika. Dan għalija huwa eżempju ċar ta' kif nistgħu naħdmu flimkien u mill-qrib, b'mod tanġibbli.

Irrid insemmi wkoll li l-Olanda tospita diversi aġenziji tal-Ġnus Magħquda u li jiena ser inkun qed nattendi għal-laqgħat tagħhom. Dan ir-rwol huwa wieħed kruċjali hekk kif Malta hija membru elett tal-Kunsill tas-Sigurta'. Mhux talli dan ser ikun xogħli, izda nistenna bil-ħerqa biex nibda nattendi u nipparteċipa f' dawn il-laqgħat u/jew attivitajiet, peress li wħud minnhom jirrelataw direttament mal-ispeċjalizzazzjonijiet u l-kwalifiċi tiegħi, kemm dawk militari kif ukoll akkademiċi. Ezempju ta' dan huwa l-parteċipazzjoni ta' Malta fl-OPCW (Organisation for the Prohibition of Chemical Weapons), u diversi fora ohra.

**2. Bħala Ambaxxatur Residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn l-Olanda u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Importanti ngħid li r-relazzjoni diplomatika bejn iz-zewg pajjizi li ilha mill-1965 dejjem kienet waħda tajba. Fir-rwol tiegħi ser inkun qed inħajjar iktar kuntatti u skambji bejn delegazzjonijiet għolja u tekniċi. Naħseb li hemm ħafna potenzjal għal dan it-tip ta' żjarat. L-aqwa mezz ta' kif wieħed japprezza tassew il-potenzjal li noffru, huwa li jiġi Malta u jara b'għajnejh u jitkellem mal-entitajiet.

Fuq il-lat soċjali, ser inkun qed noħloq attivitajiet f'dak li jissejħu "people-to-people contacts". Il-figuri diġà huma inkoraġġanti għax f'Malta hawn 'l fuq minn 1200 Olandiż filwaqt li fl-Olanda hemm kważi 500 Malti. Naħseb li dawn l-iskambji huma importanti ħafna mil-lat soċjo-kulturali u bi ħsiebni nibni fuqhom.

Is-settur akkademiku joffri wkoll ħafna potenzjal u nixtieq insaħħaħ il-kuntatti mhux biss fil-livell terzjarju, izda anke f'livelli oħrajn tekniċi u/jew speċjalizzati. Nemmen li l-kuntatti li rnexxieli nibni f'dawn l-aħħar 29 sena li servejt kemm fil-FAM, kif ukoll fl-Awtorita' tat-Trasport f'Malta, jgħinnuni biex nkun nista' niffaċilita l-kuntatt bejn l-"istakeholders" rispettivi taz-zewg partijiet. Dan ir-rwol għamiltu qabel taħt kappell differenti, meta kont niffaċilita komunikazzjoni u laqgħat bejn Forzi tal-Ordni / Forzi Militari barranin, mal-MCAST, l-Universita' ta' Malta, IMLI (International Maritime Law Institute tal-IMO); Mediterranean Academy of Diplomatic Studies; l-Institute of Tourism Studies, u oħrajn. Ta' min isemmi wkoll n-numru ta' Memoranda of Understanding li rnexxieli ninnegozja ma' uħud minn dawn l-entitajiet, biex l-organizzazzjonijiet li kont immexxi jkunu jistgħu jikkollaboraw aħjar ma' xulxin fil-qasam tat-taħrig. Naturalment, fl-irwol il-gdid ta' Ambaxxatur, dawn il-kuntatti nkun irrid nibni fuqhom u nestendihom għal entitajiet oħra.

**3. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u turistiċi li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Olanda? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

Tajjeb insemmi li l-Olanda, għalkemm huwa pajjiz relattivament mhux kbir, għandu r-raba' l-akbar ekonomomija fl-Ewropa, u s-sbatax il-post fuq livell dinji. Huwa interessanti li wieħed jinnota li l-istruttura tal-ekonomija ta' Malta u l-Olanda huma simili ħafna, jigifieri ekonomiji miftuħa ibbazati fuq is-servizzi. F'ċertu aspetti, iz-zewg pajjizi huma wkoll ftit kompetituri, bħal perezempju fl-iGaming; pero dan m'għandux iwaqqafna milli nikkoperaw flimkien f'niċeċ ekonomiċi oħra.

Mill-qasam ekonomiku hemm ħafna lejn xiex inħares, speċjalment lejn is-setturi privati, l-agrikoltura, l-edukazzjoni, il-"blue economy" u t-turiżmu.

Fuq l-agrikoltura nistgħu nħarsu lejn kif l-Olanda għelbet, jew qed tipprova tegħleb diffikultajiet biex din issir ekonomikament vijabbli. Punt li għandu jkun ta' interess għal Malta.

L-istudju tal-Ingliż f'Malta kif ukoll it-turiżmu kulturali u storiku mill-Olanda għal Malta tul is-sena kollha huwa għan ieħor tiegħi. It-titjiriet diretti lejn Amsterdam u Rotterdam jgħinu ħafna f'dan ir-rigward.

Bħal ma' ktibt qabel, l-Olanda għandha ekonomija pjuttost simili għal tagħna u huwa pajjiż miftuħ ħafna għall-kummerċ. Ħafna drabi s-settur privat imexxi għal rasu, iżda l-Ambaxxata qegħda hemm biex tipprovdi informazzjoni u kuntatti kif meħtieġ.

Jekk nigi maħtur Ambaxxatur, nfittex li nagħmel laqgħat mal-"istakeholders" prinċipali, bħal perezempju il-Malta Council for Economic and Social Development (MCESD); Malta Chamber of Commerce; Identity Malta; Finance Malta; Malta Enterprise; Malta Chamber of SME's; Malta Hotels and Restaurants Association (MHRA); Malta ESG Alliance (MESGA); u oħrajn. Dan biex nitgħallem minn għandhom dwar l-inizjattivi li jkunu qed iwettqu huma, u kif nista' nkun ta' għajnuna għalihom, biex b'hekk naqdi l-irwol tiegħi ta' Ambaxxatur b'mod aktar effettiv u effiċjenti. Similarment nemmen li l-kuntatti professjonali li rnexxieli nibni fis-snin li għaddew mall-maggoranza tal-entitajiet li semmejt, jghinnuni biex inservi aħjar fil-kariga l-gdida tiegħi.

**4. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija u tal-mediċini bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

Dawn l-oqsma għandhom potenzjal kbir, hekk kif Malta qegħda dejjem tissoda l-kredenzjali reġjonali u internazzjonali tagħha. Ma' dawn inżid ukoll il-farmaċewtika.

Is-setturi tat-teknoloġija u l-mediċina tajjeb li nibdew narawh ukoll minn lenti iktar mifruxa minn mas-setturi tradizzjonali li ħdimna fihom s'issa.

Per eżempju, naħseb li hemm ħafna x'jista' jsir bħala "research and development" fuq proġetti tekonoloġiċi li jafu jieħdu l-ħajja.

Naturalment, kommess li nitgħallem aktar mill-laqgħat li nixtieq nagħmel mal-"istakeholders" li semmejt fit-twegibiet ta' qabel, biex b'hekk nkun nista' niffoka l-energija tiegħi fuq oqsma l-aktar important għal Malta.

Ikun għaqli wkoll li nitgħallem u nkompli nibni fuq ix-xogħol siewi li għamlu l-Ambaxxaturi ta' qabli, biex apparti li jkun hemm kontinwita, ma naħlix rizorsi u energija, kif ukoll nkun nista' niprijoritizza l-interessi ta' pajjizi b'mod aħjar.

**5. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?**

Il-qafas ġuridiku huwa diġa wieħed b'saħtu meta wieħed iqis il-Ftehimijiet li huma fis-seħħ (Tassazzjoni Doppja, Estradizzjoni, Investiment, Sigurta'). Biex inkomplu nifirxu fuq dak li diga' hemm, ser inkun qed inħares lejn is-setturi tal-akkademja, kulturali, sports, żgħażagħ, bejn l-Universitajiet, u oħrajn.

Nemmen ukoll li jistgħu jkomplu jissaħħu r-relazzjonijiet "mil-to-mil", u anke bejn korpi dixxiplinati oħrajn, bħal Pulizija, Protezzjoni Civili u l-Agenzija għas-Servizzi Korrettivi. Kelli l-opportunita' nistudja, nitħarreg, kif ukoll naħdem mal-militar u mal-Pulizija Olandiza, u għalhekk napprezza aktar kemm huwa importanti li z-zewg pajjizi jaħdmu u jikkoperaw flimkien, biex nitgħallmu aktar fuq s-sigurta' mill-esperjenzi u l-kapaċitajiet tagħna.

**6. Kif tara li Malta u l-Olanda jistgħu jikkollaboraw fuq livell ambjentali? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok bħala ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur? Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi dan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

L-ambjent huwa marbut intrinsikament mas-sosentibilita' li sserraħ ħafna fuq l-użu ta' enerġija rinovabbli. Ser insegwi mill-qrib proġetti Olandiżi li qed jibnu jew jippjanaw fil-Baħar tat-Tramuntana, għal faċilitajiet "offshore" li tikkonverti r-riħ f'enerġija.

Dan qed norbtu wkoll mal-inizjattiva li ħabbret Malta xi ftit tal-ġimgħat ilu li tiftaħ iz-zona ekonomika esklussiva (EEZ) bil-ħsieb li ssir ċentru għall-enerġija rinnovabbli. Fuq il-kunċett ta' EEZ nista' napplika t-tagħrif u l-esperjenza li bnejt mill-irwoli li servejt fihom qabel.

Ser inkompli nżomm ruħi aġġornat, u possibbilment nibni kuntatti konkreti fil-waqt opportun mal-Olanda bħala, "expertise" u "best practices".

Peress li l-Olanda hija kkunsidrata bhala pajjiz b'popolazzjoni pjuttost densa, u allura juzaw r-rizorsi biex jimmitigaw din il-problema, nemmen li hemm opportunita' fejn Malta tista' tħares lejn l-esperjenzi li bniet l-Olanda, biex issaħħaħ il-politika tagħha mill-lat ta "Urban planning".

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

**1. Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-Olanda?**

Mistoqsija bħal ta' qabel – Referenza għat-twegibiet ta' qabel.

**2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Olanda?**

Mistoqsija bħal ta' qabel – Referenza għat-twegibiet ta' qabel.

**3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Olanda?**

Għalkemm minn realtajiet differenti hemm bosta sfidi u interessi komuni. L-ewwelnett il-gwerra fl-Ukrajna fejn l-interess ewlieni tagħna huwa l-waqfien mill-invażjoni Russa, il-ħelsien tal-Ukrajna, u riżoluzzjoni permezz ta' negozjati.

Hawnhekk ser inkompli nisħaq fuq il-punt li minkejja n-newtralita' ta' Malta, ma żammejnix lura milli nikkundannaw din il-gwerra. Mhux bil-kliem biss, iżda wkoll billi wassalna għajnuna tanġibbli lill-poplu Ukren.

Fil-ħidma tiegħi ser nisħaq fuq l-importanza tal-Mediterran għas-sigurta' Ewropea. Dan il-gvern Olandiż jidher li fehemu hekk kif il-Prim Ministru Rutte żar it-Tuneżija flimkien mal-President Van der Leyen u l-Prim Ministru Meloni.

Malta hija magħrufa għall-politika Mediterranja tagħha, li tgawdi minn rispett kbir, u ser nipprova nuża dawn il-kredenzjali biex nikkoperaw iktar mal-Olanda fuq il-problemi tar-reġjun tagħna.

Fil-ħidma tiegħi sejjer ukoll infakkar fil-problema tal-immigrazzjoni rregolari u kif Malta qed tistenna solidarjeta' mill-membri l-oħra tal-UE fir-ridistribuzzjoni tar-refuġjati. Dan huwa suggett li ħdimt mill-qrib fuqu fl-irwoli li servejt fihom qabel.

**4. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fl-Olanda u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fl-Olanda?**

Kelli diversi zjarat fl-Olanda, speċjalment fil-karriera Militari tiegħi. Attendejt kemm taħrig, kif ukoll kelli opportunitajiet naħdem hemm, kemm mal-EUROPOL, kif ukoll nagħti xi taħrig u prezentazzjonijiet dwar l-ispeċjalizzazzjoni ta' zmantellar ta'splussivi u "post blast investigations" mal-Forzi tal-Ordni tal-Olanda u pajjizi oħra Ewropej.

Kont gejt maħtur ukoll Espert Tekniku mill-"International Criminal Court" fl-2011, biex nirrelata dwar il-munizzjon u l-isplussivi li kienu armati bihom iz-zewg ajruplani militari Libjani Mirage F1, li nizlu f'Malta fi Frar tal-istess sena fil-krizi tal-Libja.

Fl-irwol tiegħi ta’ “Chief of Defence” kelli diversi laqgħat għolja kemm mal-“counterparts” tiegħi Olandizi, kif ukoll mal-Ministeru tad-Difiza Olandiz, biex irnexxielna ntejjbu b’mod konkret ir-relazzjonijiet militari u diplomatiċi ta’ bejn iz-zewg pajjizi. Ezempju ta’ suċċess kien il-ftehim li kien hemm bejn il-Militar Olandiz u dak Malti, dejjem skont il-politika barranija ta’ Malta, biex Malta setgħet tibgħat sezzjonijiet speċjalizzati (Special Operations) mal-Forzi Olandizi fil-Qarn tal-Afrika biex jipparteċipaw fl-operazzjoni Navali tal-UE kontra il-Piraterija, jigifieri Operation ATALANTA. Il-fiduċja kbira li rnexxielna nibnu mal-Olandizi kienet tant, li l-membri tal-“iSpecial Operations” Maltin kienu fdati mill-Forzi Olandizi mhux biss biex jieħdu ħsieb is-sigurta’ tal-bastimenti Navali Olandizi f’zona hekk sensittiva, izda biex ikunu jistgħu jwettqu operazzjonijiet speċjalizzati fuq bastimenti merkantili li jkunu gew attakkati mill-pirati Somali.

M’għandi ebda rabtiet jew investimenti kummerċjali fl-Olanda.

5. **Tista’ tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta’ Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f’dawn l-aħħar snin?**

Le, qatt ma kont parti minn Segretarjat ta’ Ministru jew Segretarju Parlamentari, u qatt ma ħdimt fil-qrib tagħhom.

F’dawn l-aħħar 29 sena li servejt fis-settur pubbliku, jigifieri fil-FAM, u wara fl-Awtorita’ tat-Trasport ta’ Malta, ir-relazzjoni tiegħi ma’ kwalunkwe Prim Ministru, Ministru, Segretarju Parlamentari u/jew uffiċjali tagħhom, kienet dejjem waħda professjonali u relatata man-natura tax-xogħol jew tal-ispeċjalizazzjonijiet tiegħi.

6. **Tista’ tindika jekk kontx involut f’xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Iva, diversi drabi. Ezempju ta’ dan ingħata fit-twegiba għall-mistoqsija ta’ qabel – mistoqsija Numru 4.

Aktar ezempji jinkludu diversi rapporti u pariri tekniċi li kont nibgħat lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, fl-irwol tiegħi ta’ “Chief of Defence” ta’ Malta kif ukoll bħala Kap Kmandant tal-FAM. Dawn kienu jiffukaw fuq suggetti diversi, fosthom fl-oqsma ta’ difiza; oqsma ta’ “Search and Rescue”; migrazzjoni irregolari; u interessi nazzjonali oħra bħal sigurta Marittima; suggetti relatati mal-EEZ; Sanzjonijiet mill-UN jew mill-EU – infatti kont anke membru fis-Sanctions Monitoring Board, li jaqa’ taħt l-istess Ministeru tal-Affarijiet Barranin; u oħrajn. Attandejt ukoll diversi laqgħat għolja, kemm Malta kif ukoll barra minn Malta, bħala “advisor” għall-Ministru tal-Affarijiet Barranin jew Uffiċjali għolja mill-istess Ministeru, fostħom Ambaxxaturi Maltin. Gieli wkoll intlabt nagħti presentazzjonijiet jew “briefings” tekniċi lill-Ambaxxaturi Maltin fl-Annual

Ambassadors Meeting li jigi organizzat mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. U dan sabiex nagħti pariri tekniċi dwar interessi Nazzjonali f'diversi oqsma li semmejt qabel.

Kont ukoll mexxejt n-negozjati mal-Awtoritajiet Irlandizi, kemm mal-"counterparts" tiegħi, kif ukoll mal-Ministeru tad-Difiza Irlandiz, dejjem fil-binarji tal-Politika Barranija Maltija u f'kuntatt kontinwu mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, biex Malta tkun tista' tibgħat kontingent tal-Forzi Armati ta' Malta, f'operazzjonijiet tal-Gnus Magħquda (GM) gewwa l-Libanu, biex iservu flimkien mat-truppi Irlandizi. Din il-parteċipazzjoni tal-kontingent Malti ikkontribwixxiet u tat isem posittiv ferm lil Malta matul l-proċess tal-għazla ta' Malta bħala membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurta tal-GM.

**7. X'karigi oħra beħsiebek tkompli tokkupa jew tassumi f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur Residenti ta' Malta għall-Olanda?**

Xejn, ħlief dawk relatati mal-post tiegħi ta' Ambaxxatur, dejjem jekk nigi maħtur.

**8. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

Le, m'għandix kunflitt ta' interess.

**9. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur Residenti ta' Malta għall-Olanda?**

Le m'għandix – la attivitajiet kummerċjali u anqas kunflitt ta' interess.

**10. Tista' tiddikjara jekk għandekx jew qattx kellek passaport ta' pajjiż ieħor?**

Le, m'għandix u qatt ma kelli passaport ta' pajjiz ieħor.